# Servizz utli fuq il-Baħar lill-Għawdxin

Dr Mario Saliba M.D.

Il-Kanonku Dun Ġużepp Hili forsi jibqa' mfakkar l-iktar għax-xogħol jew servizz tiegħu fuq il-baħar fil-fliegu ta' bejn Malta u Għawdex. Sar qassis fl-1962 u kien is-sena l-oħra li, flimkien ma' Dun Ġużepp Rapa, ċċelebraw il-ħamsin sena anniversarju tas-saċerdozju.

Il-ftit baħar li jifred lill-gżejjer tagħna huwa ta' biċċa wġigħ ta' ras ġmiela u joħloq ħafna problemi għall-Għawdxin, kemm għal dak li huwa xogħol u anke kura f'Malta. Minkejja dan l-uniku mezz ta' kuntatt bejn Għawdex u Malta kien bil-baħar. Is-servizz tal-vapur bejn il-gżejjer mhux dejjem kien effiċjenti u frekwenti bħal-lum. Illum minħabba li għandna vapuri moderni u tajbin għall-baħar rarament ikun hemm sospensjoni tas-servizz għall-ħin twil. Imma dari ma' kienx hekk għax is-servizz kien imdaħħal mill-awtoritajiet, fi żmien il-Gvern Ingliż, dan kien limitat u mhux l-ewwel darba li Għawdex safu kompletament maqtugħ minn Malta meta jkun il-maltemp. Kuljum, jekk it-temp jippermetti, kienet titlaq xprunara[1] (*speronara*) fil-ħamsa ta' filgħodu bil-posta tal-gvern u wkoll kienet tgħabbi xi passiġġieri mill-Mġarr għax-Xatt tal-Belt u terġa' ssalpa lura lejn Għawdex għall-ħabta ta' nofs in-nhar. Fix-xitwa dan is-servizz mhux l-ewwel darba li kien sospiż minħabba il-qilla tal-baħar, imma xi Għawdxin li kienu jinqabdu Malta kienu xorta jinsistu biex il-vjaġġ isir xorta waħda. Darba waħda, f'Ottubru tas-sena 1835 l-ixprunara "Santa Marija" beda dieħel l-ilma u nqalbet fil-maltemp u dak in-nhar kienu għerqu 22 persuna bejn passiġġieri u baħrin.

Waħda mill-agħar traġedji seħħet fl-30 Ottubru, 1948 meta 23 ruħ tilfu ħajjithom fil-fliegu bejn iż-żewġ gżejjer meta dgħajsa li kienu jivvjaġġaw bija nqalbet. Kien is-Sibt, u t-temp kien ħażin ħafna, b'riħ qawwi mil-Lbiċ u baħar qalil, tant li kien impossibbli għall-vapur t'Għawdex biex iwettqu



ż-żewġ vjaġġi kuljum lejn il-Marfa. Ġara li t-Tnejn ta' wara kienet se tkun festa pubblika Jum il-Qaddisin Kollha u t-Tlieta tkun Jum il-Mejtin Kollha. Għaldaqstant, grupp ta' Għawdxin li jaħdmu f'Malta kienu determinati li jaqsmu lejn Għawdex u jissieħbu mal-familji tagħhom akkost ta' kollox. Magħhom kien raġel Malti, membru tas-Soċjetà ta Duttrina Nisranija, Leli Camilleri miż-Żurrieq, li kien li jagħti l-lezzjonijiet tad-duttrina f'Għawdex. Huma ċemplu lil sajjied biex jiġi bil-luzzu tiegħu għalihom. Magħhom kien hemm mara waħda. Dan is-sajjied wera kompassjoni u aċċetta li jmur u meta wasal il-Marfa kien ġa d-dlam. Meta waslu qrib il-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien, is-sajjied ħajjarhom li jkun aħjar li jidħlu hemm, imma huma insistew li kellhom jkomplu l-vjaġġ sal-Imġarr. Hekk għamlu u ftit wara, ħdejn taċ-Ċawl, beda dieħel l-ilma u l-luzzu nqaleb. Kienu salvaw salvaw biss, erbgħa, li kienu Karmnu Attard, Ċikku Gauċi, Pawlu Zammit u Michael Buttiġieġ minn Nadur, u t-23 l-oħra, inkluż magħhom, sid il-luzzu, għerqu kollha.

L-ewwel persuna li pprovdiet servizz bil-baħar bejn Għawdex u Malta kien Pubblju Ħili. Dan kien jiġi l-bużnannu ta' Dun Ġużepp. Huwa rċieva 220 skud biex iġorr il-posta fis-sena 1820. Għal xi żmien kien igerger li ma kienx qed jirċievi l-ħlas dovut lilu mill-gvern fl-aħħar tas-sena. Għall-ewwel ma tawx kaz tiegħu imma meta beda ma jġorrx il-posta bdew iħalsuh kull xahar b'ċerti kundizzjonijiet. Hekk li kellu jġorr ukoll mingħajr ħlas nies bl-uniformi navali u dawk fil-militar, kif ukoll uffiċjali tal-gvern. Huwa ukoll kien marbut li jagħtihom preferenza fuq passiġġieri oħrajn.[2]

F'dan ix-xogħol tant diffiċli s-sigriet kien l-esperjenza li wieħed kien ikollu tal-baħar u l-ħiliet li hu jkun tgħallem mingħand xi ħadd tal-familja. Ġeneralment dawn il-patruni tad-dgħajjes li kienu jaqsmu l-fliegu kienu ikunu jafu kull sikka, blata u kurrent li setgħu jiltaqgħu miegħu waqt il-vjaġġ mill-esperjenza ta' ħafna snin f'dan ix-xogħol. Din l-esperjenza kien jirtuha minn missirijiet u huma jgħadduha lil uliedhom.

Dun Ġużepp huwa wieħed minn dawn il-baħħara li tgħallem is-sengħa mingħand tal-familja u bl-esperjenza tiegħu stess ta' numru ta' snin jbaħħar f'kull tip ta' temp bejn Malta u Għawdex. Mhux l-ewwel darba li t-temp ma' kienx jippermetti li l-vapur t'Għawdex ma' jaħdimx u għalhekk diversi ħaddiema Għawdxin kienu jinqabdu Malta. Xi uħud minnhom kienu jaraw kif jagħmlu u jikru dagħjsa biex jkunu jistgħu jiġu Għawdex. Meta s-servizz tal-vapur ma kienx jaħdem il-kumunikazzjoni bejn il-gżejjer kienet tkun intorrotta u l-anqas posta ma kient tinġarr lejn Għawdex.

1. L-ixprunara ħadet isimha mill-ixprun (*sperone)* li kellha fuq quddiem. Kienet tintuża kemm mill-passiġġieri u biex tinġarr il-merkanzija. Kellha l-bidu tagħha fis-seklu sittax u baqgħet issalpa minn Malta għal kull parti tal-Meditarran sal-bidu tas-seklu għoxrin. J. Muscat: *Il-Flotta Ta' L-Ordni Ta' San Ġwann*. Kullana Kulturali 2000, pp. 155-156. Id-dgħajsa tal-latini jew id-dgħajsa t'Għawdex żviluppat mill-ixprunara.

2. J. Bezzina: *The Gozo-Malta Ferry Service - Il-Vapur ta' Għawdex - From Prehistory to Present Days*. Gaulitana 10, Bugelli Publications Valletta 1991, p.25

Dun Ġużepp huwa bin in-negozjanti. Missieru, Manweli kien beda n-negozju fix-Xatt wara li missieru kien bnielu maħżen u taħ xi ħaġa zgħira biex ikun jista' jibda. Skont Dun Ġużepp missieru kien irnexxa fin-negozju u kabbru biex it-tfal tiegħu jkunu jistgħu jaħdmu miegħu u jgħajxu lill-familji tagħhom. Huma kienu ikoll iħaddmu xi nies magħhom.



Missieru, Manweli Hili ta' Miema, matul is-snin, kellu kemm–il dagħjsa u anke zewġ skejjen li kienu mingħajr magni meta xtrahom. L-ewwel minn dawn kien jisimha *'Mother Mary'.* Wara kellhom lil 'Marie Giorgette' u lil 'Josephine' li kienu l-iktar tnejn kbar fost l-oħrajn. Fi-żmien it-Tieni Gwerra l-iskuna 'Marie Giorgette' kienet imġiegħla mill-gvern Ingliż biex tagħti servizz għal ġarr tal-*petrol* lejn Għawdex. Il-Kaptan tagħha kien Marċel Thewma li kien joqgħod ħdejn il-knisja ta' Sant'Antinin t'Għajnsielem . Jum wieħed waqt vjaġġ minnhom ħdejn Pembroke intlaqtet waqt attakk mill-ajruplani Ġermaniżi[3] iżda ma kenitx għerqet. Din l-iskuna kienet anke tagħmel ġarr ta' ħut minn Lampedusa peress li kellha il-friża. Snin wara kienet tranġat biex iġġorr it-turisti.

Manweli Hili rnexxielu jagħmel il-magni lid-dgħajjes li xtara u anke vvintalhom winċ jew dak l-apparat biex permezz tiegħu jkunu jistgħu jtellgħu d-dgħajjes fuq l-art bl-inqas tbatija għall-ħaddiema. Il-ħaddiema ma' missieru kollha kellhom il-ktieb tax-xogħol u kienu kuntenti b'li kienu jaqilgħu għax meta ma' kienx ikun hemm dħul biżżejjed kien iħallashom xorta. Manweli kull sena kien iwarrab xi somma tal-flus biex jagħti lill-knisja. Missieru kien il-persuna li ħallset għas-sistema tal-*loud speakers* fil-knisja tan-Nadur li dak iż-żmien kienu swew 500 lira Maltin. Opri oħra li għamlet il-familja Hili huma l-istatwa ta' San Pietru Pawl tad-dimostrazzjoni u parti mill-irħam tal-knisja.

Imma x'ħajjar lil Dun Ġużepp għal dan ix-xogħol tal-baħar? Huwa irrakkontali li xahar wara li kien ħa l-quddiesa kien mar għal xi żmien jagħmel xogħol missjunarju fl-Arġentina.[4] Huwa kien qatta 5 snin l-Arġentina qassis waħdu minn Malta. Huwa kien ġie għal ftit ta' ġimgħat u reġa' mar lura fejn għamel 5 snin oħra. Tal-familja kienu ħaduha bi kbira u meta wara 10 snin ġie mill-Arġentina missieru xtralu lanċa biex ma' jerġax jmur l-Arġentina! Dun Ġużepp mill-ewwel ra potenzjal minn din il-lanċa u mill-ewwel ra li kien hemm ħafna bżonn ta' xi dgħajsa biex isservi bħala taxi għal min kellu bżonn imur Malta jew jiġi Għawdex minn Malta meta ma kienx jkun hemm vapur. It-trasport bil-baħar bejn l-Imġarr u l-Marfa ma kienx ikun ta' spiss u bil-lejl kien jieqaf. Għalhekk Dun Ġużepp fis-sena 1972 beda jipprovdi servizz ta' 24 siegħa kuljum, seba' darbiet fil-ġimgħa matul is-sena kollha lil kull minn kellu bżonn dan is-servizz.

Minkejja li din kienet idea innovattiva u ta' ġid tal-Għawdxin, Dun Ġużepp sab ħafna tfixkil u anke saħansitra kienu kissrulu lanċa u pprovaw ikissrulu t-tieni waħda iżda ma rnexxielhomx! Għalkemm Dun Ġużepp jammetti li kien jitħallas ta' dan ix-xogħol huwa kien iqisu bħala missjoni għax akkost ta' kollox kien qed ipoġġi lilu nnifsu għad-dispożizzjoni tal-proxxmu fil-bżonn. Il-poplu ma kienx jara l-flus li kien iħallas, imma l-importanza, l-bżonn u l-urġenza tas-servizz. Dun Ġużepp dejjem kien disponibbli sajf u xitwa, bin-nhar u bil-lejl 24 siegħa kuljum. Barra minnhekk Dun Ġużepp għallem ħafna nies kif għandhom jaħdmu. Kien hu l-ewwel wieħed li kellu l-permess għal dgħajsa. Minkejja dan mhux l-ewwel darba li sab ruħu l-Qorti minħabba dan ix-xogħol. Skont Dun Ġużepp il-ġustizzja qatt ma' ddefendiet il-permessi tiegħu, iżda dejjem ipprovat tiddefendi lil dawk li riedu jeħdulu xogħolu. Dun Ġużepp stqarr li hu qatt ma' pprofitta ruħu mill-proxxmu, iżda min ried iwaqqfu ried jagħmel hekk biex jagħmel il-prezz hu u jkollu monopolju. Dun Ġużepp għadu jiddispjaċih sallum li huwa sab dan l-ixkiel kollu meta huwa kien qed jipprova jaqdi lill-proxxmu mill-aħjar li sata'.

Dun Ġużepp kien wieħed mill-persuni li dawn in-nies kienu jċemplu u jitolbuh biex jiġi għalihom biex jeħodhom Għawdex minkejja l-qilla tal-baħar. Dun Ġużepp bil-ħila tiegħu kien kapaċi jidderieġi l-lanċa żgħira tiegħu qalb il-mewġ u jwassalhom qawwijin u sħaħ f'Għawdex. Wieħed jistaqsi kif Dun Ġużepp kien jirnexxielu jaqsam meta l-vapur t'Għawdex li kien ferm ikbar mill-lanċa ta' Dun Ġużepp ma kienx jaqsam? Ir-raġuni kienet il-ħila u l-għarfien li Dun Ġużepp għandu tal-kurrenti u d-direzzjoni tar-riħ li kien jaf jimmanuvra u jirnexxielu jevita kemm jista'.

Dun Ġużepp qatta' 40 sena fuq il-baħar u matul dawn is-snin kellu 4 laneċ. Li kien jisimhom *'Monica'*, *'Pelican'* *'Florian'* u l-*'Blue Geranium'*. Fil-bidu kellu tanker ta' żmien il-gwerra li kien jismu *'King of England'*. Dan tal-aħħar kien ukoll intuza fi żmien il-Gwerra għal ġarr tal-*petrol*. Huwa jgħid li qatt ma kellu xi inċidenti koroħ fejn weġġgħu n-nies imma jibqa' jirsisti li l-iktar li kiddu kien l-inkwiet li kienu jaqilgħulu ċerti nies u mhux il-baħar jew il-maltemp. Ta' dan huwa jiddispjaċih għax huwa qatt ma għamel deni lil ħadd u mhux l-ewwel darba li ġarr nies mingħajr ħlas. Dun Ġużepp jirrakkonta diversi episodji ta' vjaġġi bejn il-gżejjer. Mhux l-ewwel darba li beza huwa stess li kienu ser jergħqu! Iżda l-ħsieb li kien hemm raġuni importanti jew xi pazjent fin-nofs huwa ma' kienx jaqta' qalbu u kien jaqdi lil dak li jkun anke fil-periklu jew riskju kbir.

Bħala prinċipju huwa kien l-ewwel jara l-bżonn ta' dak li jkun u mhux il-persuna minn hi. Huwa lanqas kien jagħmel xi distinzjoni bejn il-membri partikulari tal-gvern. Meta kien iħoss li sata' jagħmel xi ġid għal ħutu l-Għawdxin wara li jkun għamel xi pjaċir lil xi membru tal-

3. J. Bezzina: *The Gozo-Malta Ferry Service - Il-Vapur ta' Għawdex - From Prehistory to Present Days.* Gaulitana 10, Bugelli Publications Valletta 1991, p.39

4. Dwar is-snin li Dun Ġużepp għadda l-Arġentina nitkellmu darba oħra f'artiklu ieħor.

gvern, huwa ma kienx joqgħod lura. Episodju partikulari li jibqa' jiftakar u li tah sodisfazzjoni huwa meta darba kellu vjaġġ mill-Mġarr għall-Marfa u kien hemm żiffa riħ ġmiela mhux ħażin. Dak in-nhar kellu jwassal lill-Ministru Lorry Sant lejn Malta. Meta l-Ministru kien fuq il-lanċa, Dun Ġużepp mingħajr biża ta' xejn dar lejn il-Ministru u qallu: "Ministru, int tieħu ħsieb it-tarmak ta' Malta u Għawdex u hawn ħajjet kollox imħarbat"! Dawk li kienu miegħu fuq il-lanċa bdew jidħku u qalu li Dun Ġużepp sewwa kien qed igħid. Ftit taż-żmien wara kienu tranġaw xi affarijiet! Dun Ġużepp igħid ukoll li huwa iffranka ħafna flus lill-kaxxa ta' Malta għax mhux l-ewwel darba li ċerti uffiċjali tal-gvern użaw is-servizz tiegħu u hekk kien evitat li jintuża l-helikopter jew il-*patrol boat*. Minkejja dan, ir-rapporti qatt ma naqsu, u skont Dun Ġużepp ta' spiss kienu jibgħatulu l-*patrol boats* biex jiċċekjawh. Dun Ġużepp igħid li tant iddejjaq minn din is-sitwazzjoni li darba mar għand Carmelo Mifsud Bonnici li kien Prim Ministru biex jilmenta dwar dan. Wara li sema' l-verżjoni ta' Dun Ġuzepp u urih il-permess li kellu l-Prim Ministru kien ta' ordni biex ma jibqgħux isusu warajh bil-*patrol boats* u l-helikopter!

B'sodisfazzjon huwa jsemmi t-traġedja ta' meta splodiet il-*patrol boat* tal-Forzi Armati ta' Malta, C-23 fis-7 ta' Settembru 1984. Dak in-nhar kienu tilfu ħajjiethom ħames suldati wieħed minnhom Anthony Vella ta' 20 sena minn Għajnsielem u żewġ pulizija. Dak in-nhar Dun Ġużepp wettaq ħidma kontinwa permezz ta' tliet dgħajjes tiegħu ġej u sejjer bejn Għawdex, Kemmuna u Malta iġorr fizzjali tal-pulizija u nies oħra li kienu involuti fil-ħidma li kienet qiegħda ssir. Dun Ġużepp jistqarr wara dawn is-snin kollha li huwa ma kienx ħa ċenteżmu għal dan ix-xogħol imma tħallas bis-sodisfazzjon li għandu li wettaq dan ix-xogħol b'mod voluntarju.

Servizz ieħor li kien jagħti Dun Ġużepp huwa meta ma kienx ikun hemm vjaġġi bil-vapur t'Għawdex. Wieħed irid jiftakar li s-servizz li kien jagħti l-vapur kien limitat għal ftit vjaġġi matul il-jum u xejn bil-lejl. Mhux l-ewwel darba li kien jinqala' l-bżonn li xi ħadd kellu jmur Malta għax kellu lil xi ħadd minn tal-familja l-isptar ta' Malta u li kien qaleb għall-agħar jew kien hemm il-bżonn li jinġieb xi speċjalista jew professur biex jagħmel xi operazzjoni jew jeżamina lil xi ħadd marid f'Għawdex. Seta' ukoll kien ikun il-kaz li xi ħadd kellu bzonn jsiefer u l-vapur ma ħadimx. Hawn ukoll Dun Ġużepp kien jkun s-soluzzjoni għal dawn is-sitwazzjonijiet kollha. Dun Ġużepp jistqarr li huwa, għalkemm kien jitħallas għal dan ix-xogħol, kien jħoss ċertu sodisfazzjon għax kien ċar li qed jagħti servizz li kien apprezzat. Mhux l-ewwel darba li salva lil xi pazjent minn ħalq il-mewt meta kellu bżonn l-għajnuna ta' xi professur minn Malta. L-ikbar sodisfazzjon kien iħossu għax huwa kien joffri dan is-servizz fl-eqqel tal-lejl meta ħaddieħor ikun id-dar għas-sħana u l-kenn, huwa kien jissogra fil-kesħa u l-qilla tal-baħar fi dlam ċappa.

Biż-żmien it-trasport bejn Malta u Għawdex beda jitjieb u fl-1979 twaqqfet il-kumpanija Gozo Channel. Fl-1971 kien tkabbar il-port tal-Imgarr u fl-1977 kien sar ukoll moll ġdid iċ-Ċirkewwa f'Malta. Bdew jinxtraw vapur tajbin u l-bżonn ta' trasport privat bejn il-gżejjer beda jonqos. Dun Ġużepp minkejja li kien jagħmel kull tip ta' xogħol bil-laneċ tiegħu, anke ġarr ta' mejtin minn Malta għal Għawdex, kien jaf li issa kellu jiddiversifika x-xogħol tiegħu, u kien għaqli biżżejjed biex sa mill-bidu kien beda jagħmel xogħol konness mat-turiżmu tal-baħar. Għalhekk Dun Ġużepp kien ukoll il-pijunier f'dan ix-xogħol u ra il-potenzjal tiegħu għall-ġid ta' Għawdex u l-familji Għawdxin bħala mezz ta' għixien. Illum insibu numru kbir ta' persuni li joffru servizz turistiku fuq il-baħar. Dun Ġużepp m'għadux involut direttament f'dan ix-xogħol minħabba eta' u raġunijiet ta' saħħa. Illum, ix-xogħol li kien beda Dun Ġużepp, qed jagħmlu n-neputu tiegħu, Joseph Ħili li tgħallem minn għand Dun Ġużepp is-sengħa tal-baħar u l-manutenzjoni tal-magni u d-dgħajjes. Dun Ġużepp illum iħoss is-sodisfazzjon li dan ix-xogħol fuq il-baħar hu sinonimu mal-familja tiegħu ser jitkompla min-neputi tiegħu permezz ta' zewġ laneċ '*Atlantis II*' u '*Lucky Lady*'. ■


*Lucky Lady*



*Atlantis II*